Debitu ta' kumpanija;
-meta diretturi personalment responsabbli għal-dejn tal-kumpanija;
-qabel iddur fuq id-diretturi ghal frodi jew wrongful evading, l-ewwel irid isir stralc;
Artiklu 325 (4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;
-tnehhija mir-Registru tal-Kumpaniji.

MALTA

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

# Rikors Nru. 702/2016GM

## MORINA AQUASPORT LIMITED (C8303)

## VS

## ANTHONY LIA U TONIO LIA

**Seduta tal-10 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' Morina Aquasport li permezz tiegħu abbażi tal-premessi li:

1. b'sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2012 u li għaddiet in ġudikat ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjeta' Eastern Star Limited fl-ammonti ta':

   a. €9,317.50 rappreżentanti rifużjoni u radd lura ta' mport imħallas bħala akkont ta' prezz fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' żewġ vetturi u dan flimkien ma' l-imgħax legali

b’seħħ mill-15 ta’ Lulju, 1998 sal-jum tal-ħlas effettiv u flimkien mal-ispejjeż tal-kawża inkluż taż-żewġ sentenzi preliminari tal-14 ta’ Marzu, 2002 u tad-29 ta’ Mejju, 2003; u

b. €5,510 rappreżentanti danni likwidati u dan flimkien mal-imgħax legali b’seħħ mid-data tas-sentenza ċjoe’ l-31 ta’ Mejju, 2012 sal-jum tal-ħlas effettiv.

2. meta bdiet tħejjijiet sabiex tesegwixxi s-sentenza li kienet għaddiet in ġudikat skopriet illi s-soċjeta konvenut kienet ġiet ikkanċellata mir-reġistru tas-soċjetatajiet għar-raġuni li ġie ikkunsidrata bħala “*defunct*”.

3. dan kollu huwa dovut għall-fatt li l-konvenuti azzjonisti u diretturi tas-soċjeta Eastern Star Limited naqsu milli jadempixxi l-obbligi statutorji tagħhom sabiex iżommu il-kumpannija tagħhom regolari u attiva bil-konsegwenza li dan l-aġir improprju, abbużiv u illeġittimu tagħhom ġab miegħu riżultat tali li s-soċjeta rikorrenti attriċi ma tistax tesegwixxi titolu eżekuttiv li kisbet  b’riżultat ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li għaddiet in ġudikat.

4. l-imsemmija ommissjonijiet u l-konsegwenti mankanza ta’ adempiment ta’ obbligi u responsabilitajiet da parti tal-konvenuti jikkostitwixxu aġir improprju, abbużiv u illeġittimu li jirrendi lill-konvenuti personalment responsabbli versu is-soċjeta rikorrenti attriċi kwantu għall-ħlas tal-ammonti kanonizzati favur tagħha.

5. għalhekk jinħtieġ issir din il-kawża sabiex il-konvenuti azzjonisti u/jew diretturi tas-soċjeta Eastern Star Limited jiġu ddikjarati responsabbli għall-ħlas tal-ammonti kanonizzati favuriha, jiġi likwidat dak l-ammont li illum jinsab dovut lilha u jiġi kkundannat il-ħlas tal-ammont hekk likwidat.

Talbet illi:

(1) Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti kwantu azzjonisiti u/jew diretturi tas-soċjeta Eastern Star Limited huma responsabbli personalment għall-aġir improprju, abbużiv u illeġittimu kawża ta’ ommissjonijiet u l-konsegwenti mankanza ta’ adempiment ta’ obbligi u responsabilitajiet da parti tagħhom u għalhekk għall-ħlas tal-ammonti kanonizzati favur is-soċjeta rikorrenti attriċi permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-31 ta’ Mejju, 2012 u li għaddiet in gudikat fl-10 ta’ Mejju, 2016, tillikwida dak l-ammont li huwa dovut lis-soċjeta rikorrenti attriċi skont l-imsemmija sentenza tal-31 ta’ Mejju, 2012 u dan okkorrendo permezz ta’ periti nominandi; u

(2) tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu dak l-ammont li jiġi likwidat a bażi u skont it-talba preċedenti.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż;

Rat Tweġiba Maħlufa fejn wara li stqarru li l-fatti dikjarati fir-Rikors Maħluf:

1. fl-ewwel paragrafu m'humiex kontestati. B'dana kollu jirriżulta li s-sentenza premessa għandha tkun nulla billi ngħatat fil-konfront ta' persuna ineżistenti mingħajr ma saret ebda trasfużżjoni jew leġittimizzjoni tal-atti;

2. fit-tieni paragrafu ma humiex ikkontestati. B'danakollu l-esponenti jifhmu li ma kien hemm xejn moħbi u li kieku l-attur ħa l-iċken interess seta' kellu l-informazzjoni kollha li kien jenħtieġ dwar is-sitwazzjoni tal-kumpannija Eastern Star Limited;

3. fit-tielet paragrafu huma kontestati stante li l-esponenti m'għamlu xejn li jista' jiġi kkunsidrat abbużiv u ċertament ma jaħtux għall-aġir tar-reġistratur tal-kumpanniji;

4. fir-raba' u ħames paragrafi huma kontestati billi l-azzjonisti ma jaħtux għad-djun tal-kumpannija li tkun ġiet xjolta mir-reġistratur.

Eċċepew illi:

1. l-esponenti *qua* azzjonisti ma humiex responsabbli għad-djun tal-kumpannija Eastern Star Limited, kumpannija li tħassret min fuq ir-reġistru tal-kumpanniji b'aġir unilaterali tar-reġistratur tal-kumpanniji u dan fost l-oħrajn għaliex:

1.1. kumpannija kummerċjali għandha personalita distinta minn dik tal-azzjonisti tagħha u dan ifisser li l-azzjonisti ma humiex responsabbli għad-djun tal-kumpanija lanqas meta l-kumpanija tiġi xjolta.

1.2. ma jeżistux l-estremi fil-liġi għall-*piercing of the corporate veil.*

1.3. lanqas ma teżisti il-possibilita' ta' xi azzjoni kontra id-direttur u l-azzjonisti abbażi ta' *wrongful* u / jew *fraudulent trading* billi (apparti l-fatt li ma jeżistux dawn l-estremi) ma sarx l-istralċ kontemplat mill-liġi u li seta jintalab minn kull kreditur tal-kumpannija.

2. kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost skont l-artiklu 325 (3) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta, l-assi tal-kumpannija iddevolvew kontra l-Gvern ta' Malta (*the assets of the company shall devolve upon the Government of Malta*) li għalhekk semmai għandu jirrispondi għat-talbiet tal-kreditur. Għalkemm dan ma joħroġx ċarament minn lettura tal-artiklu in kwistjoni, il-Gvern ma jistgħax korrettement jippretendi li jakkwista biss l-assi tal-kumpanija mingħajr ma jiret ukoll il-passiv.

3. l-attur kellu a disposiżżjoni tiegħu rimedju speċifiku skont id-disposizzjonijiet tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap. 386** tal-liġijiet ta' Malta u ma utiliżżax dan ir-rimedju minkejja li kellu perijodu ta' ħames snin a dispozizzjoni tiegħu. Tapplika hawnhekk il-massima "*vigilantibus non dormientibus jura subveniunt.*"

4. fil-mertu l-esponenti ma kienux jafu li r-reġistratur tal-kumpanniji kien qiegħed jieħu passi biex jillikwida l-kumpannija in kwistjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi s-soċjeta' attriċi ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjeta' Eastern Star Limited fis-somma ta' €14,827.50 permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-31 ta' Mejju 2012 u li għaddiet in gudikat fl-10 ta' Mejju 2016 meta l-appell ġie dikjarat deżert peress illi l-appellanti ma deherux għas-seduta tas-smiegħ. Dan il-kreditu kien l-akkont ta' prezz imħallas mill-kumpanija attriċi fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' żewġt trakkijiet li ma' kienux tal-kwalita' miftehma u ma kienux tajbin għal-użu li għalih kienu mixtrijin, flimkien ma' danni likwidati, inklużi imgħaxijiet u spejjeż legali. Il-konvenuti Anthony Lia u Tonio Lia kienu d-diretturi tal-kumpanija Eastern Star Limited, għaldaqstant il-kumpanija attriċi għażlet illi tipproċedi għal-irkupru tal-kreditu in kwistjoni billi tiftaħ kawża direttament kontrihom. Meta d-direttur tal-kumpanija attriċi Martin Vella ipprova jiġbor flusu lura, intebaħ illi l-kumpanija Easter Star Limited ġiet dikjarata *defunct* u ġiet *struck off* qabel ma sar l-appell. Jgħid illi hu qatt ma ġie kkuntattjat sabiex jiġi nfurmat illi l-kumpanija Eastern Star Limited ġiet imħassra minn fuq il-lista.[1] Skont ċertifikat uffiċċjali maħruġ mir-Reġistru tas-Soċjetajiet[2] is-soċjeta' Easter Star Limited ġiet ikkanċellata mir-Reġistru tal-kumpaniji fl-24 ta' Mejju 2010;

Illi Anthony Lia[3] li kien direttur tal-kumpanija Easter Star Limited, xhud imħarrek mill-kumpanija attriċi jgħid illi Eastern Star Limited kienet timporta biss t-trakkijiet ġejjin miċ-Ċina u dan għal xi sitt snin. Easter Star Limited inħolqot appożitament għall-importazzjoni tat-trakkijiet miċ-Ċina. Meta l-kumpanija xtrat it-trakkijiet in kwistjoni, Eastern Star Limited kienet ġabet konsenja ta' xi tletin trakk iżda nofshom kien biegħehom u n-nofs l-ieħor kienu nħarqu peress illi qabdet l-għalqa illi kienu fiha. *Insurance* ma kellhomx u allura l-kumpanija ma baqgħetx topera;

[1] fol 47.
[2] fol 80.
[3] fol 83 et seq u fol 88 et seq.

Illi waqt ix-xhieda ta’ Anthony Lia, is-soċjeta’ attriċi esebit ittra datata 17 ta’ Novembru 2009 mibgħuta mir-reġistru tal-kumpaniji lid-Direttur ta’ Eastern Star Limited[4] ġewwa l-indirizz uffiċċjali tal-kumpanija, fejn għarrfitu illi l-kumpanija ma kienet irreġistrat l-ebda dokumenti għal numru ta’ snin u ai termini tal-**Artiklu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji** kellu jinforma jekk il-kumpanija tiegħu kinitx għadha topera u jekk ma jirċievux konferma bil-miktub fi żmien xahar mid-data tal-ittra, isem il-kumpanija kellu jiġi *struck off* mir-Reġistru. Skond ix-xhud, din l-ittra qatt ma raha iżda jammetti illi ma kompliex jirreġistra dokumenti fi ħdan ir-reġistru tal-kumpaniji għax ma baqax jimporta trakkijiet aktar miċ-Ċina. Jgħid li ma kienx jaf illi isem il-kumpanija Eastern Star Limited ġie kkanċellat minn fuq il-lista u kemm hu hekk kien appella mis-sentenza kontra Easter Star Limited. Iżda ftit wara jgħid illi l-appell mar deżert għax ma ħallasx il-garanzija għall-ispejjeż għax Eastern Star ma kellhiex flus u kienet magħluqa;

Illi l-konvenuti la ressqu provi u lanqas għamlu kontro-eżamijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lill-intimati personalment responsabbli bħala diretturi ta’ Eastern Star Limited, għall-aġir impropju, abbużiv u illeġittimu u għalhekk għall-ħlas tal-ammonti kanonizzati favur is-soċjeta attriċi permezz ta’ sentenza tal-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-31 ta’ Mejju 2012 u li għaddiet in ġudikat fl-10 ta’ Mejju 2016;

Illi jirriżulta li s-soċjeta’ attriċi, wara li ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjeta’ Easter Star Limited, fl-ammont ta’ €14,827.50, ma setgħetx tiġbor flusha peress li l-kumpanija debitriċi ġiet imneħħija minn fuq il-lista tar-Reġistru tal-Kumpaniji. Fil-fatt, il-kumpanija Eastern Star Limited ġiet *struck off*, minħabba li ma kienetx qed tissottometti l-ebda dokumenti kif kellha tagħmel, fl-24 ta’ Mejju 2010, ċjoe’ saħansitra qabel il-pronunzjament tas-sentenza msemmija;

Illi kif inhu sewwa magħruf, il-liġi tal-kumpanniji ma tipprovdix għall-każ ta’ responsabbilita’ illimitata tad-diretturi jekk mhux fil-każ ta’ *fraudulent* jew *wrongful trading* **iddikjarati waqt li l-kumpanija tkun fi proċess ta’ stralċ.** “Għalkemm l-aġir lamentat jista’ jwassal għal dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ personali ta’ direttur, tali responsabilita’ personali tista’ tiġi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi proċess ta’ stralċ, u dana *a tenur* tal-**artiklu 315 u 316 tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji** (Kap. 386);[5]

Illi dan il-punt ġie diskuss ukoll fis-sentenza ***Theuma vs Cachia*[6],** fejn ġie osservat illi: “Fil-fatt **l-artiklu 316** jiddisponi illi l-Qorti tista’ tagħmel dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ personali, mingħajr ebda limitazzjoni, *“***meta kumpanija tkun ġiet xolta u tkun insolventi** u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha*”*;

[4] fol 87.
[5] ***Hi-Timber company Limited vs Joseph Baldacchino et*** – 15.12.2005 - Prim’Awla Qorti Ċivili
[6] Brian Theuma vs Chris Cachia – 14.10.2004 Prim’Awla per Imh. Tonio Mallia.

Illi hekk ukoll hija l-pozizzjoni fl-Ingilterra li fuqha hija mfassla l-liġi l-ġdida Maltija dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb ***Farrar's Company Law*** [7] jingħad li biex direttur jinsab responsabbli ta' *wrongful trading, "the conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation".* L-awtriċi Brenda Hannigan[8] tesprimi l-istess opinjoni meta tibda t-trattat tagħha fuq ir-responsabilitajiet tad-diretturi billi tgħid li: *"In addition to the formal processes of dealing with the insolvent company, whether through liquidation, administration, etc, the collapse of the company is also the time when the conduct of the directors (and officers) of the company will be reviewed".* Aktar 'il quddiem, l-istess kittieba tindika l-kondizzjonijiet li jridu javveraw ruħhom qabel ma direttur ta' kumpanija jista' jinstab responsabbli ta' *wrongful trading*. L-istess bħal ma jingħad fil-***Farrar's Company Law*** aktar qabel kwotat, hi wkoll tinnota li l-ewwel kundizzjoni hi li *"the company has gone into insolvent liquidation".*[9] Dan hu hekk għax qabel ma jiġi dikjarat li kumpanija hija insolventi, mhux leċitu li wieħed imur wara l-*corporate veil* u jitlob sodisfazzjon għall-kreditu tiegħu direttament mingħand id-diretturi personalment;

Illi peress illi isem il-kumpanija ġie mneħħi minn fuq il-lista tar-Reġistru tal-Kumpaniji, l-attriċi kellha r-rimedju li tirxoxta l-kumpannija Eastern Star Limited: permezz tal-**Artiklu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji**, jekk kreditur tal-kumpanija li fil-fehma tal-Qorti jkollu interess li jħossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, bis-saħħa ta' dan l-artiklu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-kreditur, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpannija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx tħassar. U hekk l-isem tal-kumpannija jerġa' jidħol fir-reġistru. **Kien ikun biss wara dawn il-proċeduri illi l-attriċi setgħet tibda l-proċedura ta' stralċ tal-kumpannija Easter Star Limited sabiex jitħallas il-kreditu li kellha l-attriċi, u, f'dik il-proċedura, tipponta l-kanuni fuq il-konvenuti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikli 315 u/jew 316 imsemmija;**

Illi l-attriċi tilfet il-jedd li tirxoxta l-kumpannija billi ħalliet it-terminu ta' ħames snin mogħti mil-liġi jgħaddi mingħajr m'għamlet xejn. Issa fetħet din il-kawża biex, bit-tħaddim tar-rimedju tal-hekk imsejjħa *piercing of the corporate veil,* tuża proċedura differenti minn dik li trid il-liġi biex

[7] edit. 1998 pag. 739

[8] fil-ktieb tagħha ***Company Law*** *Butterworths Edit. 2003* f'paġna 837

[9] *Ibid.* paġna 844

tilħaq l-għan tagħha. Fil-premessi tar-Rikors Maħluf, l-attriċi tuża' terminologija li generalment tintuza f'azzjonijiet ai termini ta' **l-artiklu 315 u/jew 316 tal-Kap 386** u dana partikolarment fejn jingħad li *"l-imsemmija ommissjonijiet u l-konsegwenti mankanza ta' adempiment ta' obbligi u responsabilitajiet da parti tal-konvenuti jikkostitwixxu aġir improprju, abbużiv u illeġittimu li jirrendi lill-konvenuti personalment responsabbli versu is-soċjeta rikorrenti attriċi kwantu għall-ħlas tal-ammonti kanonizzati favur tagħha.* B'danakollu skont dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi, it-talba trid issir b'rikors, u mhux b'rikors ġuramentat, u, kif ingħad diġa, waqt proċedura ta' stralċ;

Illi kif ingħad tajjeb fid-deċiżjoni ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited v Unifoods Limited*** [10]:

"Il-liġi tal-kumpaniji, li hi liġi speċjali li tirregola l-kumpaniji u l-uffiċċjali tagħha, ma tipprovdix rimedji oħra kontra allegat abbuż tad-diretturi, u meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, mhux leċitu li ssir riferenza għal xi prinċipju ġenerali tad-dritt. Hu minnu li, b'mod ġenerali, min jabbuża bid-drittijiet mogħtija lilu jista' jkun passibbli għal danni, iżda meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, hi biss dik il-liġi li għandha tiġi kkunsidrata għal-fini ta' responsabilita' tal-partijiet u tar-rimedji mogħtija – *specialia generalibus derogant.* F'dan il-każ, il-liġi speċjali rregolat kif u meta diretturi jistgħu jinstabu responsabbli personalment għad-djun tal-kumpannija tagħhom, u hi biss fil-limiti ta' dak provdut f'dik il-liġi speċjali li r-rimedji jridu jinstabu;

Fl-aħħarnett, anke jekk biss *in parentesi*, din il-Qorti tirrimarka li għandha r-riervi tagħha dwar il-validita' *o meno* tas-sentenza li fuqha l-attriċi tibbaża t-talbiet tagħha billi ngħatat kontra persuna ġuridika li ma kinitx għadha teżisti mhux biss meta ġiet ippronunzjata s-sentenza iżda saħansitra sa minn żmien qabel meta x'aktarx il-kawża kienet għadha qiegħdha tiġi ttrattata;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħdha tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuti** u **konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.**

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-attriċi.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca

[10] deċiża fit- 27 ta' Ġunju 2006 Prim'Awla – per Imh. Tonio Mallia.